Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,671, 23 ta' Lulju, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XLIX tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Kap. 545.

ACT No. XLIX of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Regulator for Energy and Water Services Act, Cap. 545.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

23 ta' Lulju, 2021

ATT Nru XLIX tal-2021

ATT sabiex jemenda l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Kap. 545.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor, għan u bidu fis-seħħ. Kap. 545.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) L-għan ta' dan l-Att huwa sabiex jiġi emendat l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma biex tissaħħaħ l-indipendenza tar-Regolatur u biex jiġu trasposti wħud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (riformulazzjoni).

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2020.

A 1096

Sostituzzjoni tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"3. (1) Għandu jkun hemm korp legalment distint kif stabbilit b'dan l-Att, li jkun magħruf bħala r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolatur", li jkun magħmul minn President u mhux inqas minn erbgħa (4) u mhux iktar minn sitt (6) membri oħra.

(2) Ir-Regolatur għandu jkun indipendenti funzjonalment minn entitajiet pubbliċi jew privati oħra. Il-persunal u l-persuni responsabbli għall-immaniġġjar tar-Regolatur għandhom jaġixxu b'mod indipendenti minn kull interess tas-suq u ma għandhomx ifittxu jew jieħdu istruzzjonijiet diretti mill-Gvern jew minn entitajiet pubbliċi jew privati oħra meta jwettqu l-kompiti regolatorji tiegħu. Dan ir-rekwiżit għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kooperazzjoni mill-qrib, kif xieraq, ma' awtoritajiet nazzjonali relevanti oħra jew għal linji gwida ta' politika ġenerali maħruġa mill-Gvern li mhumiex relatati mas-setgħat u d-dmirijiet regolatorji tiegħu.

(3) Ir-Regolatur għandu jieħu deċiżjonijiet awtonomi, b'mod indipendenti minn kull korp politiku.

(4) Ir-Regolatur għandu jkollu r-riżorsi umani u finanzjarji kollha meħtieġa biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu u jeżerċita s-setgħat tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti.

(5) Ir-Regolatur għandu jkollu baġit annwali u awtonomija separat fl-implimentazzjoni tal-baġit.

(6) Il-membri tal-Bord tar-Regolatur għandhom jinħatru abbażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u ppubblikati, fi proċedura indipendenti u imparzjali, li tiżgura li l-kandidati jkollhom il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa.

(7) Il-membri tal-Bord tar-Regolatur għandhom jinħatru mill-Ministru għal perjodu ta' ħames (5) snin jew għal dak il-perjodu itwal li jista' jiġi speċifikat fl-istrument tal-ħatra soġġett għal massimu ta' seba' (7) snin iżda l-membri li jiġu hekk maħtura jistgħu jiġu maħtura mill-ġdid, darba biss, fl-iskadenza tal-perjodu tal-kariga tagħhom, għal żmien ta' ħames (5) snin jew għal dak il-perjodu itwal li jista' jiġi speċifikat fl-istrument tal-ħatra soġġett għal massimu ta' seba' (7) snin.

Għandha tidħol fis-seħħ skema ta' rotazzjoni xierqa għall-ħatriet tal-membri tal-Bord biex, skont l-istess skema, il-membri jiġu assenjati dati relattivi għat-tmiem tat-terminu tal-kariga tagħhom li ma jkunux l-istess għal kull wieħed minnhom.

(8) Il-Ministru jista' jinnomina lil wieħed (1) mill-membri l-oħra tal-Bord tar-Regolatur bħala Viċi President u l-membru li jiġi hekk nominat għandu ikollu s-setgħat kollha li jwettaq il-funzjonijiet kollha tal-President matul l-assenza jew l-inkapaċità tiegħu sabiex jaġixxi bħala President, jew meta l-uffiċċju u l-kariga ta' President tkun vakanti; u l-Ministru jista' wkoll, f'kull waħda miċ-ċirkostanzi hawn aktar qabel imsemmija, jaħtar lil xi persuna oħra sabiex tagħmilha ta' President u f'każ bħal dak id-dispożizzjonijiet ta' qabel għandhom japplikaw għar-rigward ta' dik il-persuna.

(9) Persuna ma tkunx kwalifikabbli sabiex iżżomm il-kariga ta' membru tal-Bord tar-Regolatur jekk:

(a) tkun Ministru, Segretarju Parlamentari jew membru tal-Kamra; jew

(b) tkun imħallef jew maġistrat; jew

(ċ) ikollha xi interess finanzjarju jew interess ieħor f'xi intrapriża jew attività li taffettwa jew tista' taffettwa t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Bord tar-Regolatur.

(10) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kariga ta' membru tal-Bord tar-Regolatur issir vakanti:

(a) meta jiskadi l-perjodu tal-kariga tiegħu; jew

(b) jekk ikun hemm ċirkostanzi li jikkaġunaw, li kieku mhux għax kien membru tal-Bord tar-Regolatur, li l-persuna li tħaddan dik il-kariga tkun skwalifikata milli tinħatar fl-istess kariga.

(11) Membru tal-Bord tar-Regolatur jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Ministru biss jekk dak il-membru huwa inkapaċi sabiex ikompli fil-kariga tiegħu jew għal kull waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) jekk il-membru jinstab li ma jistax jaġixxi b'mod indipendenti minn kwalunkwe interess tas-suq;

(b) jekk il-membru jinstab jieħu istruzzjonijiet jew direzzjonijiet minn kwalunkwe entità pubblika jew privata jew persuna oħra fit-twettiq tal-funzjonijiet regolatorji assenjati lir-Regolatur;

(ċ) fejn il-membru jinstab ħati ta' mġiba ħażina taħt xi liġi.

(12) Jekk membru jirriżenja jew jekk il-kariga ta' membru tal-Bord tar-Regolatur tkun xort'oħra vakanti jew jekk membru ma jkunx jista' għal liema raġuni tkun iwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-Ministru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex timtela l-kariga vakanti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (9), (10) u (11).

(13) Kull membru tal-Bord tar-Regolatur li għandu xi interess dirett jew indirett f'kull kuntratt jew negozju magħmul jew propost li jsir mir-Regolatur, li ma jkunx interess li jiskwalifika lil dak il-membru milli jibqa' membru, għandu jiżvela x-xorta ta' dak l-interess fl-ewwel laqgħa tal-Bord tar-Regolatur wara li huwa jkun sar jaf bil-fatti rilevanti, u dak l-iżvelar għandu mbagħad jitniżżel fil-minuti tal-laqgħa tal-Bord tar-Regolatur, u l-membru li jkollu interess kif hawn aktar qabel imsemmi għandu jirtira minn kull laqgħa li fiha jkun qed jiġi diskuss dak il-kuntratt. Meta l-interess tal-membru jkun tali li jiskwalifikah milli jibqa' membru, huwa għandu jirrapporta l-fatt minnufih lill-Bord tar-Regolatur u jissottometti r-riżenja tiegħu. Kull żvelar taħt dan is-subartikolu għandu jiġi mgħarraf mir-Regolatur lill-Ministru mingħajr dewmien.

(14) Kull membru tal-Bord tar-Regolatur għandu jevita kull kunflitt ta' interess meta jaġixxi bħala membru tal-Bord. Membru tal-Bord għandu jippreserva l-kunfidenzjalità dwar l-informazzjoni miksuba u dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-Regolatur matul u lil hinn mit-tmiem tal-mandat.

Fejn l-interess tal-membru jkun tali li jiskwalifikah milli jibqa' membru, huwa għandu jirrapporta l-fatt minnufih lill-Bord tar-Regolatur u jressaq ir-riżenja tiegħu. Kull żvelar taħt dan is-subartikolu għandu jkun ikkomunikat mir-Regolatur lill-Ministru mingħajr dewmien.".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "Direttiva 2009/72/

KE" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttiva (UE) 2019/944"; u

(b) minnufih wara l-kliem "t-Trattat dwar l-Enerġija." għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"Ir-Regolatur huwa b'dan maħtur bħala l-awtorità regolatorja unika fil-livell nazzjonali għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2019/944 u d-Direttiva tal-UE 2009/73/KE.".

4. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "indipendentement u imparzjalment" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "indipendentement, trasparentement u imparzjalment";

(ii) fil-paragrafu (m) tiegħu l-kliem "proposti rigward xi azzjonijiet." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "proposti rigward xi azzjonijiet;" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(n) li jwettaq investigazzjonijiet dwar il-funzjonament tas-suq tal-elettriku, u li jiddeċiedi u jimponi kwalunkwe miżura meħtieġa u proporzjonata biex jippromwovi kompetizzjoni effettiva u jiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq. Fejn xieraq, ir-Regolatur għandu jkollu wkoll is-setgħa li jikkopera mal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni u mar-regolaturi tas-suq finanzjarju jew mal-Kummissjoni fit-tmexxija ta' investigazzjoni relatata mal-liġi tal-kompetizzjoni."; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "indipendentement u imparzjalment" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "indipendentement, trasparentement u imparzjalment".

5. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija," għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ksur tar-Regolament (UE) 2019/943, il-kodiċijiet tan-netwerk adottati skont l-Artikolu 59 ta' dak ir-Regolament, il-linji gwida adottati skont l-Artikolu 61 ta' dak ir-Regolament u fuq impriżi tal-elettriku li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom taħt ir-Regolament (UE) 2019/943". Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

A 1100

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 488 tat-13 ta' Lulju, 2021.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati